# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Avviż numru: 6/2019 BS**

**Jane u Joseph konjuġi Xerri**

**-vs-**

**Noel Borg**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat l-Avviż**[1] fejn Jane u Joseph konjuġi Xerri talbu lill-intimat Noel Borg jirrifondi lura lilhom l-ammont ta' ħamest elef u seba' mitt ewro (€5,700) rappreżentanti x-xiri mingħandu ta' *photovoltaic system* konsistenti f'pannelli solari u *inverter*, flimkien

[1] A fol. 1.

mal-aċċessorji anċillari, liema sistema ma kinitx tal-kwalità pattwita u kwindi ma setax isir l-użu tagħha kif mixtieq, u dana wara li jiġi ddikjarat illi l-oġġetti kkonsenjati ma kinux tal-kwalità pattwita.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Jannar, 2019, u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta tal-intimat Noel Borg**[2] **li permezz tagħha eċċepixxa:**

1. ILLI l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante illi dawn il-pannelli, *inverter* u aċċessorji anċillari twaħħlu qabel April tas-sena elfejn u sbatax (2017) u l-kont [i]nħareġ fit-tmienja u għoxrin (28) ta' April tal-istess sena;

2. ILLI mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni t-talba tal-atturi hija infondata fid-dritt u fil-fatt stante illi mhux minnu li l-pannelli, *inverter* u aċċessorji anċillari ma kienux [sic] tal-kwalità pattwita;

3. SALVI eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Fliet l-atti;**

**Rat** in-nota b'dokumenti konsistenti f'fattura u rċevuta fiskali ppreżentata mill-konvenut fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2020;[3]

---

[2] A fol. 8.
[3] A fol. 10 sa 12.

**Rat** il-verbal tal-5 ta' Frar, 2020 li bih il-kawża ġiet differita għall-provi fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;[4]

**Rat** il-verbal tat-8 ta' Jannar, 2021 fejn l-atturi talbu li jinħatar espert tekniku (inġinier) sabiex jispezzjona il-pannelli;[5]

**Rat** id-digriet kamerali tat-18 ta' Jannar, 2021 fejn inħatar l-inġinier Alan Bonnici bħala espert tekniku. L-espert maħtur ġie [i]nkarigat jieħu konjizzjoni tal-atti u jaċċedi fil-fond tal-atturi sabiex jispezzjona l-pannelli, jiddetermina jekk għandhomx ħsara u, jekk jirriżulta li għandhom il-ħsara, jiddetermina l-kaġun tal-istess;[6]

**Rat** ir-rapport tal-espert tekniku, l-inginier Alan Bonnici, datat l-20 ta' Marzu, 2021;[7]

**Rat** il-verbal tal-5 ta' Novembru, 2021 fejn l-Avukat patroċinanti l-konvenut iddikjara li in vista tal-konklużjonijiet milħuqa mill-espert tekniku maħtur mill-Qorti, il-konvenut kien ser jibdel l-*inverter* mertu tal-kwistjoni li jinsab fil-fond tal-atturi. Rat li għalhekk il-kawża ġiet differita għall-probabbli ċessjoni;[8]

**Rat** il-verbal tat-3 ta' Diċembru, 2021 fejn l-Avukati patroċinanti l-partijiet kkonfermaw lill-Qorti li l-*inverter* ġie rimpjazzat mill-konvenut u għalhekk, il-mertu ta' din l-istanza ġie eżawrit. Il-kawża baqgħet differita rigward il-kap tal-ispejjeż;[9]

---

[4] A fol. 16.
[5] A fol. 39.
[6] A fol. 40.
[7] A fol. 55 sa 57.
[8] A fol. 71.
[9] A fol. 72.

**Rat** il-verbal tat-28 ta' Settembru, 2022 fejn il-partijiet talbu li tingħata sentenza rigward il-kap tal-ispejjeż;[10]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha;

**B. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula b'rapport maħluf, ta':**

**Jane Xerri**, waħda mil-konvenuti, xehdet[11] illi l-pannelli twaħħlu fl-2016/2017. Tgħid li għalihom lill-konvenut ħallsuh mill-ewwel malli installahom u dan b'ċekk għall-pagament sħiħ. Iżżid li l-konvenut tahom irċevuta fiskali. Murija l-irċevuta a fol. 12 tikkonferma li dik hija l-irċevuta fiskali li ngħataw mill-konvenut. Tikkonferma li d-data fuq l-irċevuta hija ta' Mejju 2017 u li meta ħallsu għalihom il-pannelli kienu diġà twaħħlu.

**Mark Said**, impjegat tal-Korporazzjoni Enemalta, xehed[12] illi huwa għamel spezzjoni fil-proprjetà tal-atturi. Jgħid li sab l-arloġġ (*meter*) tal-pannelli wieqaf. Jgħid li waqt li huwa kien hemm, is-sid tela' fuq il-bejt, xegħel xi ħaġa, u l-arloġġ beda jaħdem. Iġid li s-sid qallu li huwa kellu jitla' fuq il-bejt kuljum sabiex l-arloġġ jaħdem u dan għax kien hemm xi ħaġa ħażin. Jgħid li ma jafx x'xegħel is-sid għax il-mansjonijiet tiegħu jaslu biss sal-arloġġ.

[10] Verbal tat-28 ta' Settembru, 2022.
[11] A fol. 13 sa 15.
[12] A fol. 28 sa 32.

**Joseph Xerri**, l-attur, xehed[13] illi huma xtraw il-pannelli mingħand il-konvenut. Jgħid li l-panneli mhux jaħdmu għax l-*inverter* joqgħod jintefa. Iżid li kull filgħodu jrid jitla' fuq il-bejt sabiex jixegħlu. Jgħid li l-panneli kien ilhom fuq il-bejt ftit xhur meta wasal il-kont tal-Enemalta u rrealizza li xi ħaġa mhux taħdem. Iżid li kien hawn li tela' fuq il-bejt u sab l-*inverter* mitfi. Jgħid li hawnhekk kellem lill-konvenut li qallu li ser jaqla' l-*inverter* u jibagħtu Malta għand tekniku. Jgħid li mbagħad marru għandu xi ħaddiema tal-konvenut u ħadu l-*inverter* magħhom. Jgħid li l-*inverter* damu xi tliet (3) ġimgħat ma ġabuh lura. Iżid li reġgħu waħħlu l-*inverter* u dak il-ħin ħadem iżda l-għada reġa' sabu mitfi. Jgħid li ukoll il-konvenut qallu li l-problema kienet tal-Enemalta u għalhekk huwa ċempel lill-Enemalta. Jgħid li dawn ġew raw l-arloġġi u ma sabu xejn ħażin fihom. Iżid li reġa' ċempel lill-konvenut, qallu li l-Enemalta ma sabu xejn ħażin, u l-konvenut saqsih jekk hux lest iħallas tliet mitt ewro (€300) sabiex jiġi tekniku. Jgħid li huwa rrifjuta li jagħmel dan il-ħlas dment li l-*inverter* kien għadu taħt il-garanzija. Jgħid li hawnhekk il-konvenut beda ma jirrispondihx meta jċempillu sakemm fl-aħħar irrisponda, qallu li jekk ma jirranġax din il-kwistjoni ser itellgħu l-Qorti, u huwa rrisponda li seta' jtellgħu l-Qorti. Jgħid li huwa kuljum irid jitla' fuq il-bejt jixgħel l-*inverter*.

**L-Inġinier Alan Bonnici**, maħtur mill-Qorti bħala espert tekniku, xehed permezz ta' rapport tiegħu datat l-20 ta' Marzu, 2021.[14] Jagħti rendikont ta' kif tiġi installata sistema tal-pannelli fotovoltajiċi. Jgħid li fl-installazzjoni tal-pannelli ma sab ebda irregolarità jew ħsara. Iżid li anqas sab li l-konnessjonijiet kienu

[13] A fol. 33 sa 38.
[14] A fol. 55 sa 57.

ħżiena jew installati ħażin. Jgħid li l-anqas sab li l-*inverter* kien installat ħażin. Iżid li dakinhar li aċċeda huwa fil-fond tal-atturi l-*inverter* kien qiegħed jaħdem tajjeb. Iżid li tfieh u xegħelu u sab li kompla jaħdem sew. Iżid li l-atturi infurmawh li l-*inverter* jintefa kważi kuljum u wrewh 'l fuq minn tliet mitt (300) ritratt rigward dan. Jgħid li t-twissija (*error warning*) li jagħti l-*inverter* hija "Twissija 120" li tiġi solvuta billi l-*inverter* jintefa u jerġa' jinxtegħel. Iżid li din hija twissija li tigri però, meta tiġri ta' spiss hija indikattiva li l-*inverter* għandu l-ħsara. Iżid li kemm l-atturi kif ukoll Jonathan Vella, li attenda dakinhar tal-ispezzjoni tiegħu għan-nom tal-konvenut, qablu li t-twissija bdiet tidher wara xi tliet (3) jew erba' (4) xhur li ġew installati l-pannelli. Iżid li ġie infurmat li l-*inverter* kien ittieħed Malta għal spezzjoni u nġab lura. Jgħid li għalkemm talab informazzjoni rigward minn spezzjona l-*inverter* din ma ngħatatlux. Jgħid li fuq notament tal-konvenut li l-problema aktarx hija mill-vultaġġ, l-Enemalta installat sistema sabiex tistudja l-vultaġġ. Jgħid li dan seħħ bejn it-2 u l-4 ta' Ottubru, 2018. Iżid li dan sab li l-vultaġġ kien normali. Jgħid li peress li fil-qrib tal-fond tal-atturi hemm diversi sistemi fotovoltajiċi li jistgħu jaffettwaw, l-Enemalta kkonfermat li dawn ma kinux qed jaffettwaw. Iżid li l-*inverter* stess, għalkemm jagħti t-Twissija 120, ma kienx qed jinnota problemi bil-vultaġġ. Jgħid li l-pannelli m'għandhomx *surge protector* installat.

Jikkonkludi li l-*inverter* għadu jagħtu t-Twissija 120 u dan minkejja li allegatament ġie spezzjonat u msewwi. Iżid li hija l-opinjoni esperta tiegħu li l-*inverter* irid jinbidel. Jgħid li jikkonkludi dan minkejja li mhux possibbli jidentifika eżatt x'hemm ħażin fl-*inverter*. Jagħti rakkomandazzjonijiet oħrajn

sabiex jinżamm rendikont tal-vultagg. Jirrakkomanda wkoll li jigi nstallat *surge protector*. Jannetti diversi ritratti.

## Ċ. Ikkunsidrat:

Billi l-mertu tal-kawża ġie eżawrit fil-mori tal-istess u dan bil-bdil tal-*inverter* tas-sistema fotovoltajika installata mill-konvenut fil-fond tal-atturi skont ir-rakkomandazzjoni tal-espert tekinku l-inġinier Alan Bonnici.

Billi l-partijiet qablu li tingħata sentenza rigward il-kap tal-ispejjeż.

Il-Qorti tosserva li jirriżulta ċar mill-provi prodotti li l-atturi kellhom rakun rigward ħsara fl-*inverter* tas-sistema fotovoltajika tagħhom.

Tosserva ulterjorment li huma għamlu diversi tentattivi sabiex il-konvenut jirrimedja l-istess. Infatti, l-atturi qablu li l-*inverter* jinqala' u jittieħed Malta għal spezzjoni u tiswija iżda meta ġie lura għandhom baqa ma jiffunzjonax kif imiss.

Tosserva li wara dan l-episodju tal-qlugħ u l-bdil tal-*inverter* l-konvenut ma baqax disponibbili lejn l-atturi kif mistenni minnu billi saħansitra stieden lill-attur ittellgħu l-Qorti, xi ħaġa li ma ġietx kontradetta mill-konvenut.

**Decide:**

Għaldaqstant, u għal dawn ir-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mit-talbiet u l-eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu billi tiddikjara l-mertu eżawrit, tikkundanna u tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur